31996R1249

L 161/125 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 29.6.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1249/96
tat-28 ta' Ġunju 1996
dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għal Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali [1], kif l-aħħar emendat b'Regolament (KE) Nru 923/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tiegħu,

Billi l-Artikolu 10 ta' Regolament (KEE) Nru 1766/92 jipprovdi sabiex jinbidlu t-tariffi tad-dazji tad-dwana komuni meta l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 tiegħu jiġu impurtati; iżda filwaqt li għall-prodotti mniżżla fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu d-dazju ta' importazzjoni għandu jkun il-prezz ta' intervent validu dak il-ħin ta' l-importazzjoni miżjud b'55 % umbagħad imnaqqas bil-prezz ta' importazzjoni *cif* applikabbli għall-konsenja;

Billi għall-għanijiet sabiex ikunu kklassifikati affarijiet impurtati l-prodotti koperti bl-Artikolu 10(2) ta' Regolament (KEE) Nru 1766/92 għandhom f'ċertu każijiet ikunu kklassifikati f'bosta kwalitajiet ta' standard; billi l-kwalitajiet ta' standard li għandhom jiġu użati għandhom għalhekk ikunu stabbiliti billi jkunu użati kriterji oġġettivi ta' kklassifikar u r-rati ta' tolleranza għandhom ikunu stabbiliti wkoll sabiex iħallu li l-prodotti jingħataw l-aktar klassifikazzjoni ta' kwalità addattata; billi mill-kriterji oġġettivi ta' klassifikazzjoni ta' kwalità possibbli għal qamħ komuni, il-kontenut ta' proteini, il-piż speċifiku u il-kontenut ta' impurità varja (Schwarzbesatz) huma dawk l-aktar użati fin-negozju u l-aktar faċli li jintużaw ukoll; billi għall-qamħ għall-ismid dawn il-kriterji huma il-piż speċifiku, u l-kontenut ta' impurità varja (Schwarzbesatz) u l-kontenut ta' qamħ taż-żġieġ; filwaqt li oġġetti impurtati għandhom ikunu soġġetti bix-xieraq għal analiżi sabiex ikunu stabbiliti dawn il-parametri għal kull kwantità impurtata; billi iżda fejn il-Komunità stabbiliet proċedura ta' rikonoxximent uffiċjali għal ċertifikati ta' kwalità maħruġa minn awtorita fil-pajjiż minn fejn oriġinaw l-oġġetti dawn l-analiżi għandhom isiru biss permezz ta' verifikazzjoni fuq numru suffiċjentament rappreżentattiv ta' oġġetti impurtati;

Billi l-Artikolu 10(3) ta' Regolament (KEE) Nru 1766/92 jispeċifika li sabiex ikun ikkalkulat id-dazju ta' importazzjoni għandhom ikunu stabbiliti regolarment prezzijiet ta'importazzjoni *cif* għal kull waħda mill-kwalitajiet imfissra għal prodotti li għalihom jirreferi dak il-paragrafu; billi sabiex ikunu stabbiliti dawn il-prezzijiet għandu jkun stipulat l-użu ta' kwotazzjonijiet għall-bosta kwalitajiet ta' qamħ u għaċ-ċereali l-oħra; billi s-sorsi ta' kwotazzjoni attwali li għandhom jiġu użati għandhom ikunu speċifikati;

Billi l-użu ta' kwotazzjonijiet għal varji tipi ta' qamħ u għal ċereali oħra dwar skambju ta' kumdità ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għandhom jipprovdu bażi kemm trasparenti u kemm oġġettiva sabiex ikunu stabbiliti l-prezzijiet ta' importazzjoni *cif*; filwaqt li żieda fil-kumpens kummerċjali mgħoddi lis-suq ta' l-Istati Uniti għal kull waħda mill-kwalitajiet varji ta' ċereali tħalli li l-kwotazzjoni ta' skambju għal kull ċereali jkun mibdul f'prezz ta'esportazzjoni *fob* mill-Istati Uniti; billi minħabba żieda fl-spejjeż tal-ġarr bil-baħar bejn il-Golf tal-Messiku jew *Great Lakes* u port tal-Komunità li huma kkwotati fis-swieq tal-merkanzija dawn il-prezzijiet fob jistgħu jiġu mibdula f'prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni *cif*; billi mogħti il-volum ta' merkanzija għaddejja u l-ammont ta' negozju fil-port ta' Rotterdam din hi d-destinazzjoni fil-Komunità li l-kwotazzjonijiet ta' ġarr bil-baħar huma l-aktar magħrufa, l-aktar trasparenti u l-aktar faċilment disponibbli; billi l-port ta' destinazzjoni li għandu jintgħażel għall-Komunità għandu għalhekk ikun Rotterdam;

Billi, bix-xieraq, sabiex ikun hemm trasparenza il-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni *cif* taċ-ċereali indikati f'(a) fl-Artikolu 10(3) għandhom ikunu stabbiliti minn kwotazzjonijiet ta' skambju ta' kumdità għaċ-ċereali fil-kwistjoni miżjuda bil-kumpens mgħoddi bl-ispejjeż taċ-ċereali u ta' ġarr bil-baħar bejn il-Golf tal-Messiku jew *Great Lakes* u l-port ta' Rotterdam; billi iżda li d-differenzi fl-ispiża tal-ġarr skond il-port ta' destinazzjoni jiġġustifikaw aġġustament ta' rata bażi tad-dazju ta'importazzjoni għall-portijiet tal-Komunità li qegħdin fil-Mediterran, fil-Kosta Atlantika tal-Peninsula Iberjana u fir-Renju Unit, l-Irlanda u l-pajjiżi Skandinavi; billi l-fatturi li bihom jiġu kkalkulati l-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni *cif* b'hekk stabbiliti għandhom ikunu kkontrollati kuljum sabiex l-andament ta' dawn il-prezzijiet jista jkun segwit; billi, fil-każ ta' *sorghum* u segala,

[1] ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 1.
[2] ĠU L 126, ta' l-24.5.1996, p. 37.

il-prezz rappreżentattiv ta' importazzjoni *cif* għax-xgħirjippermetti li tkun stmata is-sitwazzjoni fis-suq għal dawk iż-żewġ prodotti u konsegwentament l-prezz rappreżentattiv ta' importazzjoni *cif* li jkun stabbilit għax-xgħir ikun japplika wkoll għal dawn iċ-ċereali;

Billi għall-għan li jkun stabbilit id-dazju ta' importazzjoni fuq iċ-ċereali indikat fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 perjodu ta' ġimgħatejn li jirreġistra il-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni *cif* għal kull ċereali għandu jirrifletti l-andament tas-suq mingħajr ma jdaħħal inċertezzi; filwaqt li dazji ta' importazzjoni għal dawn il-prodotti jistgħu b'hekk ikunu stabbiliti fil-ħmistax-il ġurnata u l-aħħar ġurnata xogħol ta' kull xahar bl-użu tal-prezz medju rappreżentattiv ta' importazzjoni *cif* irreġistrat matul ġimgħatejn mingħajr ma jsir l-ebda effett ta' tgħawwiġ apprezzabbli fuq il-prezz ta' importazzjoni ta' dazju mħallas; billi d-dazju ta' importazzjoni b'hekk ikkalkulat jista' jkun applikat għal ġimgħatejn mingħajr ma jsir l-ebda effett ta' tgħawwiġ apprezzabbli fuq il-prezz ta' importazzjoni ta' dazju mħallas; iżda filwaqt li jekk l-ebda kwotazzjoni ta' skambju ma tkun disponibbli matul il-perjodu ta' kalkulazzjoni għall-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni *cif* jew jekk b'konsegwenza ta' bidliet f'daqqa fil-komponenti tagħhom ivarjaw b'mod sostanzjali ħafna matul il-perjodu, għandha tittieħed azzjoni sabiex iżżomm prezz li jirrappreżenta b'mod xieraq il-prodott fil-kwistjoni; billi fil-każ ta' nuqqas ta' kwotazzjonijiet l-ammont ta' dazju stabbilit għall-perjodu ta' qabel għandu jkompli japplika u fil-każ ta' varjazzjonijiet kbar jew fil-kwotazzjoni ta' skambju, il-kumpensijiet kummerċjali mal-kwotazzjoni, l-ispejjeż ta' ġarr bil-baħar jew ir-rata ta' skambju użata sabiex ikun ikkalkulat il-prezz rappreżentattiv ta' importazzjoni *cif* tal-prodott il-prezz użat sabiex ikun ikkalkulat id-dazju ta' importazzjoni għandu jinżamm rappreżentattiv permezz ta' aġġustament li jikkorrispondi għad-devjazzjoni minnha li dawn il-bidliet huma responsabbli għalihom; billi anki fejn dan it-tip ta' aġġustament hu magħmul iż-żmien għar-riżoluzzjoni li jmiss m'għandux ikun effettwat;

Billi meta ċereali impurtati jaslu fil-Komunità bl-art, bi trasport tax-xmara jew bil-baħar fuq bastimenti minn portijiet fil-Mediterran, il-Baħar l-Iswed jew il-Baħar Baltiku l-ispejjeż tat-trasport ikunu inqas sew minn dawk użati għall-kalkolazzjoni ta' dazji ta' importazzjoni; billi din id-differenza għandha tkun ikkonsidrata, b'aġġustament ta' rata bażi, sabiex ikunu stabbiliti il-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni *cif* għall-prodotti kkonċernati;

Billi f'każijiet fejn, skond l-informazzjoni tal-Kummissjoni, ċerti kwotazzjonijiet jew prezzijiet mhumiex rappreżentattivi ta' l-andament veru tas-suq ta' l-importazzjoni fil-Komunità għal qamħ komuni ta' kwalità medja jew baxxa minħabba li ngħataw sussidji minn pajjiżi terzi fuq esportazzjoni ta' dawn il-prodotti fil-baċir tal-Mediterran jew f'pajjiżi Ewropej, għandha tkun possibbli għall-ammont ta' sussidju ta' esportazzjoni mogħti li jkun imnaqqas mill-prezz rappreżentattiv ta' importazzjoni *cif* ikkalkulat għall-prodott;

Billi fil-każ ta' importazzjonijiet ta' qamħ komuni, xgħir jew qamħirrun biż-żnied ta' kwalità għolja ħafna il-kwotazzjoni ta' skambju użata għall-kalkolazzjoni tal-prezz rappreżentattiv ta' importazzjoni *cif* tista' ma tagħtix każ, jew minħabba l-kwalità partikolari tal-merkanzija jew minħabba li l-prezz tagħhom jinkludi kumpens ta' kwalità għola mill-prezz normali, ta' l-eżistenza tat-tali kumpens fuq termini tas-suq normali; filwaqt li sabiex jingħata każ ta' dawn il-kumpensijiet fuq prezzijiet jew kwotazzjonijiet importaturi li juru li wżaw il-merkanzija sabiex jagħmlu prodotti ta' kwalità għolja li jiġġustifikaw l-eżistenza ta' tali kumpens għandhom jingħataw il-flus lura, b'rata bażi, parti mid-dazju ta' importazzjoni mħallas;

Billi sabiex ikun assigurat li l-importaturi jirrispettaw il-klawsoli ta' dan ir-Regolament ikun hemm bżonn ta' garanzija minn għandhom addizzjonali għal dik li għandha x'taqsam mal-liċenzji;

Billi l-Kumitat Maniġerjali għaċ-Ċereali ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien iddettat mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-rati ta' dazju tat-Tariffa Doganali Komuni kif indikat fl-Artikolu 10(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 għandhom ikunu dawk applikabbli fid-data stipulata bl-Artikolu 67 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 [1].

L-Artikolu 2

1. Id-dazji ta' importazzjoni indikati fl-Artikolu 10(2) tar-egolament (KEE) Nru 1766/92 fuq prodotti ta' kodiċi NM 1001 10 00 sa 1001 90 99 (minbarra *meslin*), 1002 00, 1003 00 10, 1003 00 90, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90 għandhom ikunu kkalkulati kuljum imma ffissati fil-ħmistax u l-aħħar ġurnata xogħol ta' kull xahar mill-Kummissjoni għall-applikazzjoni mill-ġurnata sittax tax-xahar u l-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara.

[1] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

Meta il-ħmistax ma tkunx ġurnata ta' xogħol tal-Kummissjoni d-dazji għandhom ikunu ffissati fil-ġurnata xogħol ta' qabel il-ħmistax tax-xahar fil-kwistjoni. Iżda jekk matul il-perjodu ta' applikazzjoni tad-dazji li ġie ffissat id-dazju medju ta' importazzjoni kkalkulat ivarja b'EKU 5 għal kull tunnellata jew aktar minn dak iffissat għandhom isiru l-aġġustamenti korrispondenti.

2. Il-prezz li għandu jkun użat għall-kalkolazzjoni tad-dazju ta' importazzjoni għandu jkun is-somma medja tal-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni *cif* ta' kuljum stabbiliti fl-Artikolu 4 matul il-ġimagħtejn ta' qabel. Il-prezz ta' intervent li għandu jkun użat għall-kalkolazzjoni tad-dazji għandu jkun dak tax-xahar li fih japplika d-dazju ta' importazzjoni.

3. Dazji ta' importazzjoni ffissati kif għalihom hemm provvediment f'dan ir-Regolament għandhom ikunu applikabbli sakemm tidħol fis-seħħ *fixing* ġdida.

Iżda jekk għal prodott partikolari l-ebda kwotazzjoni ma tkun disponibbli għal skambju ta' referenzi kif indikat fl-ewwel indent ta' l-Artikolu 4(1) matul il-ġimagħtejn ta' qabel *fixing* id-dazju ta' importazzjoni ffissat qabel għandu jibqa' fis-seħħ.

Fl-okkazjoni ta' kull *fixing* jew aġġustament, il-Kummissjoni għandha tippublika fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* id-dazji ta' importazzjoni u l-informazzjoni wżata sabiex ikunu kkalkolati.

4. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas id-dazju ta' importazzjoni bl-ammonti segwenti fuq merkanzija li tasal via l-Oċean Atlantiku jew il-Kanal ta' Suez fil-portijiet segwenti ta' ħatt:

— Portijiet Mediterranji (aktar 'l hemm mill-Istrett ta' Ġibilterra): EKU 3 għal kull tunnellata,

— Portijiet Atlantiċi tal-Peninsula Iberjana, ir-Renju Unit u l-portijiet Irlandiżi: EKU 2 għal kull tunnellata,

— portijiet fid-Danimarka, il-Finlandja u l-Isvezja: EKU 2 għal kull tunnellata.

L-awtorità tad-dwana fil-port tal-ħatt għandha toħroġ ċertifikat li jixehed il-kwantita ta' kull prodott li nħatt. Sabiex jingħata t-tnaqqis fid-dazju dan għandu jakkompanja l-merkanzija sakemm jitlestew il-formalitajiet ta' l-importazzjoni tad-dwana.

5. Dazji ta' importazzjoni għandhom ikunu mnaqqsa għar-rata bażi ta' EKU 14 għal kull tunnellata fuq qamħ komuni ta' kwalità għolja standard u EKU 8 għal kull tunnellata fuq xgħir u qamħirrun biż-żnied sakemm l-importatur juri li ħallas kumpens ta' kwalità fuq il-prezz tal-prodott normali.

It-tnaqqis hu fuq kondizzjonijiet oħra ta':

(a) indikazzjoni mill-applikant f'kaxxa 20 tal-liċenzja ta' importazzjoni tal-prodott li fihom għandhom ikunu pproċċessati ċ-ċereali;

(b) rabta bil-miktub mill-importatur, imdaħħla flimkien ma' l-applikazzjoni tal-liċenzja ta' esportazzjoni, li l-merkanzija kollha li għandha tiġi impurtata għandha tkun ipproċċessata kif speċifikat f'kaxxa 20 tal-liċenzja fi żmien sitt xhur middata ta' l-aċċettazzjoni tad-dħul f'ċirkolazzjoni ħielsa. L-impurtatur għandu jgħid il-lok fejn għandu jsir il-proċess:

— billi jingħata l-isem ta' ditta li tipproċċessa u Stati Membru, jew

— billi jingħataw l-ismijiet ta' mhux aktar minn ħames impjanti li jipproċċessaw.

Jekk l-ipproċċessar iseħħ fi Stat Membru differenti minn dak ta' l-importazzjoni, il-konsenja tal-merkanzija għandha twassal għat-terminazzjoni fl-Istat Membru ta' tluq ta' kopja ta' kontroll T5 bi qbil mal-klawsoli ta' Regolament (KEE) Nru 2454/93 [1], Il-prospett indikat f' (a) għandu jiddaħħal f'kaxxa 104 tad-dokument T5.

(ċ) id-depożitu mill-impurtatur għand l-organizzazzjoni kompetenti relevanti ta' garanzija ta' EKU 14 għal kull tunnellata fil-każ ta' qamħ komuni u EKU 8 għal kull tunnellata għal prodotti oħra. Iżda, jekk id-dazju applikabbli għall-prodotti kkonċernati fid-data ta' meta jintemmu l-formalitajiet ta' importazzjoni tad-dwana jkun inqas minn EKU 14 għal kull tunnellata fil-każ ta' qamħ komuni u EKU 8 għal kull tunnellata fil-każ ta' qamħirrun u xgħir, il-garanzija għandha tkun ugwali għall-ammont tad-dazju fil-kwistjoni. Il-garanzija għandha tinħall fuq preżentazzjoni ta' evidenza ta' l-użu finali speċifiku li jiggarantixxi kumpens ta' kwalità fuq il-prezz normali tal-prodott bażiku li għalih hemm referenza f'(a). Għandu jintwera għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' importazzjoni li ċ-ċereali kollha impurtati ġew ipproċċessati fil-prodott speċifikat fiddikjarazzjoni indikata f(a) bi qbil mar-rabta li għaliha hemm referenza f'(b). Jekk isir ipproċċessar fi Stat Membru minbarra dak ta' l-importazzjoni għandha tkun ipprovduta evidenza ta' pproċċessar permezz ta' kopja ta' kontroll T5.

L-ipproċċessar għandu jitqies li jkun sar fil-limitu taż-żmien indikat f'(b):

[1] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.

— fil-każ ta' qamħ komuni, meta l-prodott ipproċċessat indikat f'(a) jkun magħmul,

— f'impjant wieħed jew aktar li jappartjenu lid-ditta u mqiegħda fl-Istat Membru,

— fl-impjant(i) ta' pproċċessar indikati f'(b),

— fil-każ ta' xgħir, meta jkun għadda minn togħlija,

— fil-każ ta' qamħirrun taż-żnied, meta l-qamħirrun ġie pproċċessat fi prodott ta' kodiċi NM 1904 10 10 jew 1103 13.

L-Artikolu 3

L-istandards ta' kwalità li għandhom jintlaħqu ma' l-importazzjoni fil-komunità u t-tolleranzi li għandhom jitħallew għandhom ikunu dawk murija fl-Anness I.

L-Artikolu 4

1. Għal qamħ komuni ta' kwalità għolja, medja u baxxa, qamħ għall-ismid, qamħirrun u qamħ ieħor ta' l-ikel il-komponenti li jistabbilixxu l-prezzijiet rapprezentattivi ta' importazzjoni *cif* indikati fl-Artikolu 10(2) ta' Regolament (KEE) Nru 1766/92 għandhom ikunu:

(a) il-kwotazzjoni ta' skambju rappreżentattiv fis-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika;

(b) il-kumpens kummerċjali ta' l-għarfien mehmuż ma' din il-kwotazzjoni dwar is-suq ta' l-Istati Uniti fil-ġurnata tal-kwotazzjoni;

(ċ) l-ispiża tal-ġarr bil-baħar bejn l-Istati Uniti (Golf tal-Messiku jew Duluth) u l-port ta' Rotterdam għal bastiment ta' mill-inqas 25 000 tunnellata.

Il-Kummissjoni għandha tirreġġistra kull ġurnata xogħol:

— komponent (a) mill-iskambji u waqt li jintużaw il-Kwalitajiet ta' referenza murija fl-Anness II,

— komponenti (b) u (ċ) minn informazzjoni disponibbli pubblikament.

2. Il-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni *cif* għal qamħ għall-ismid, xgħir u qamħirrun u fil-każ ta' qamħ komuni għal kull kwalità standard għandhom ikunu is-somma tal-komponenti (a), (b) u (ċ) indikati fil-paragrafu 1.

Iżda il-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni *cif* għall-importazzjonijiet ta' qamħ għall-ismid, xgħir, qamħirrun u fil-każ ta' qamħ komuni kull kwalità standard li huma magħmula;

— bl-art jew bix-xmara,

— bil-baħar fuq bastimenti li jaslu fil-Komunità minn portijiet fil-Mediterran, fil-Baħar l-Iswed jew fil-Baħar Baltiku

għandhom ikunu mnaqqsa b'EKU 10 għal kull tunnellata. F'dan il-każ it-tnaqqis fid-dazju ta' importazzjoni li għalihom hemm provvediment fl-Artikolu 2(4) m'għandhomx ikunu applikabbli.

Fil-każijiet fejn pajjiżi terzi jagħtu sussidji fuq esportazzjonijiet ta' qamħ komuni ta' kwalità medja jew baxxa lejn pajjiżi Ewropej jew tal-baċir tal-Mediterran sabiex il-prezzijiet tas-suq dinji jistgħu jkunu mnaqqsa il-Kummissjoni tista' tagħti każ ta' dawn is-sussidji waqt li tistabbilixxi il-prezz rappreżentattiv ta' importazzjoni *cif* fil-Komunità.

3. Il-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni *cif* għas-segala u *sorghum* għandhom ikunu dawk ikkalkulati għax-xgħir. Għaż-żerriegħa tal-qamħ komuni ta' NM kodiċi 1001 90 91, żerriegħa tal-qamħirrun ta' NM kodiċi 1005 10 90 u żerriegħa tax-xgħir ta' kodiċi NM 1003 00 10 huma għandhom ikunu dawk ikkalkulati għal qamħ komuni ta' kwalità għolja, qamħirrun u xgħir rispettivament.

L-Artikolu 5

Applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni għall-qamħ komuni u qamħ għall-ismid għandhom ikunu validi biss jekk l-applikant:

— idaħħal il-kwalità li għandha tiġi impurtata f'kaxxa 20 tal-liċenzja ta' importazzjoni,

— jagħti impenn bil-miktub li għandha tiddaħħal għand l-organizzazzjoni kompetenti relevanti dakinhar ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' ħelsien għal ċirkulazzjoni ħielsa garanzija speċifika addizzjonali għal dawk meħtieġa taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1162/95 [1], jekk id-dazju ta' importazzjoni fuq il-kwalità murija f'kaxxa 20 mhuwiex l-ogħla dazju għall-kategorija tal-prodott fil-kwistjoni. L-ammont tal-garanzija għandu jkun id-differenza dakinhar ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' ħelsien għal ċirkulazzjoni ħielsa bejn l-ogħla dazju u dak applikabbli għall-kwalità murija, miżjud b'suppliment ta' EKU 5 għal kull tunnellata.

L-Artikolu 6

1. Għandhom jittieħdu kampjuni rappreżentattivi għal kull konsenja ta' qamħ għall-ismid u ta' qamħ komuni ta' standard ta' kwalità ogħli jew medju mill-awtorità tad-dwana ta' l-Istat Membru li jimporta, il-klawsoli ta' l-Anness għad-direttiva tal-Kummissjoni 76/371/KEE [2] li tapplika, sabiex tistabbilixxi il-kontenut ta' proteini, piż speċifiku u kontenut ta' impurità (Schwarzbesatz) kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2731/75 [3]. Għal qamħ għall-ismid l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu il-kontenut ta' qamħ taż-żġieġ. Iżda jekk il-Kummissjoni tagħraf uffiċjalment ċertifikat ta' kwalità għal qamħ komuni u għall-ismid maħruġ mill-Istat ta' l-oriġini tal-merkanzija m'għandhomx jittieħdu kampjuni u għandha ssir analiżi biss fuq verifika tal-kwalità ċċertifikata ta' numru suffiċjentament rappreżentattiv ta' oġġetti impurtati.

[1] ĠU L 117, ta' l-24.5.1995, p. 2.
[2] ĠU L 102, tal-15.4.1976, p. 1.
[3] ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 22.

Il-merkanzija għandha tkun ikklassifikata fi kwalità standard li għaliha jintlaħqu il-kondizzjonijiet kollha indikati fl-Anness I. Iżda jekk il-kwalità tal-qamħ għall-ismid ta' kodiċi NM 1001 10 impurtat hi inqas minn dik speċifikata fl-Anness I id-dazju ta' importazzjoni għandu jkun applikabbli fuq qamħ komuni ta' kwalità baxxa.

2. Il-metodi standard għall-analiżi kif indikati fil-paragrafu 1 fuq għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1908/84 [1] u (KEE) Nru 2731/75.

3. Jekk ir-riżultati ta' l-analiżi juru li l-qamħ impurtat ikun ta' livell standard aktar baxx minn dak imdaħħal fuq il-liċenzja ta' importazzjoni l-impurtatur għandu jħallas id-differenza bejn id-dazju ta' importazzjoni applikabbli għall-prodott muri fuq il-liċenzja u dak fuq il-prodott fil-fatt impurtat. Il-garanzija indikata fl-Artikolu 5 għandha imbagħad tinħall minbarra għall-EKU 5 għal kull tunnellata supplementari.

Jekk id-differenza ta' fuq ma titħallasx fi żmien xahar il-garanzija indikata fil-Artikolu 5 tintilef.

4. Kampjuni rappreżentattivi ta' ċereali impurtati meħuda mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandhom jinżammu għal sitt xhur.

L-Artikolu 7

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal liċenzji ta' importazzjoni maħruġa qabel l-1 ta' Lulju 1996 li huma użati wara dik id-data.

L-Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Ġunju 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 178, tal-5.7.1984, p. 22.

L-ANNESS I

Klassifikazzjoni ta' prodotti impurtati

Prodott	Qamħ Komuni			Qamħ durum	Qamħirrum	Żrieragħ oħra ta' l-ikel
Kodici NM	1001 90 99			1001 10	1005 90 00	1002, 1003 00 90, 1007 00 90
Kwalità	Għolja	Medja	Baxxa			
Ħtigijiet ta' kwalita' (għal kontenut ta' umidita ta' 12 % bil-piż jew ekwivalenti)						
1 Perċentwal minimu ta' proteina	14,0	11,5	—	—	—	—
2 Piż minimu speċifikt (kg/hl)	77,0	74,0	—	76,0	—	—
3. Perċentwal massimu ta' impurita' (Schwarzbesatz)	1,5	1,5	—	1,5	—	—
4. Perċentwal minimu ta' qamħ taż-żgieġ	—	—	—	75,0	—	—

Tolleranzi permessi

	Qamħ komuni/durum
Perċentwal protejku	– 0,7
Piż minimu speċifiku	– 0,5
Perċentwal ta' impurita' massima	+ 0,5
Perċentwal ta' qamħ bi żgieġ	– 2,0

ANNESS II

Skambju ta' kwotazzjoni u varjetajiet ta' referenza

Prodott	Qamh durum			Gholja	Medja	Baxxa
Qamh komuni	Qamhirrum	Żrieragħ ohra ta' l-ikel	Kwalita' standard			
Varjeta' ta' referenza (tip/grad) għall ta' bdil ta' kwotazzjoni	Hard Red Spring št. 2	Hard Red Winter št. 2	Soft Red Winter št. 2	Hard Amber Durum št. 2	Yellow Corn št. 3	US Barley št. 2
Exchange ta' kwotazzjoni	Minneapolis Grain Exchange	Dansas City Board of Trade	Chicago Board of Trade	Minneapolis Grain Exchange (1)	Chicago Board of Trade	Minneapolis Grain Exchange (1)

(1) Fejn m'hemm l-ebda kwotazzjoni li tista' tintuża għall-kalkolu ta' prezz rappreżentattiv cif ta' importazzjoni, għandhom jintużaw kwotazzjonijiet fob disponibbli pubblikament fil-US.